

32005R0037

L 10/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.1.2005

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 37/2005****tat-12 ta' Jannar 2005****dwar il-monitoraġġ tat-temperatura f'mezzi ta' trasport, ħżin u magazzinaġġ ta' ikel quick-frozen maħsub għall-konsum uman****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropeja,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l- approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-ikel *quick-frozen* għall-konsum uman <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/1/KEE tat-13 ta' Jannar 1992, dwar il-monitoraġġ tat-temperaturi f'mezzi ta' trasport, ħżin u magazzinaġġ ta' ikel *quick-frozen* maħsub għall-konsum uman <sup>(2)</sup>, tipprovdi l-kondizzjonijiet mitluba sabiex jiġi assigurat li t-temperaturi mitluba mid-Direttiva 89/108/KEE jinżammu b'mod sħiħ.
- (2) Meta d-Direttiva tal-Kummissjoni 92/1/KEE kienet adottata, ebda standard Ewropew għall-istrumenti għall-monitoraġġ tat-temperaturi f'mezzi ta' trasport, ħżin u magazzinaġġ ta' ikel *quick-frozen* ma kien stabbilit.
- (3) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni stabilixxa standards dwar l-istrumenti biex jinqraw temperaturi ta' l-arja u termometri fl-1999 u fl-2001. L-użu ta' dawk l-istandards uniformi se jassigura li l-għodda użata għall-monitoraġġ tat-temperaturi ta' l-ikel huwa konformi ma' l-armonizzazzjoni tas-sett tal-kondizzjonijiet tekniċi mitluba.
- (4) Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni gradwali ta' dawk il-miżuri mill-operaturi, l-użu ta' istrumenti ta' tkejjil installati skond il-leġislazzjoni fis-seħħ qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi permess waqt perijodu transizzjonali.
- (5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/1/KEE tipprovdi għal deroga fir-rigward tat-trasport ta' ikel *quick-frozen* bil-ferrovija. Din id-deroga m'għadhiex iġġustifikata u għandha tintemm wara l-perijodu transizzjonali.
- (6) L-impożizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-qari tat-temperatura fuq għodod żgħar użati fin-negozju bl-imnut se tkun eċċessiva u għalhekk id-derogi preżenti għal vettrini ta'

l-imnut u kmamar żgħar kesħin użati għall-ħżin ta' stokks fi ħwienet tan-negozju għall-bejgħ bl-imnut għandhom jiġu miżmuma.

- (7) Huwa rakkomandat li tiġi assigurata l-applikabilità diretta ta' l-istandards il-għodda għall-għodod tat-tkejjil u tar-regoli tekniċi li jistgħu jiġu diġà misjuba fid-Direttiva 92/1/KEE. Fl-interess tal-konsistenza u ta' l-uniformità tal-liġi tal-Komunità huwa xieraq li titħassar id-Direttiva 92/1/KEE u tiġi sostitwita b'dan ir-Regolament.
- (8) Il-miżuri li huma provduti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Animal,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Suġġett u għan**

Dan ir-Regolament jikkonċerna l-monitoraġġ tat-temperatura fil-mezzi tat-trasport, ħżin u magazzinaġġ ta' ikel *quick-frozen*.

*Artikolu 2***Monitoraġġ u qari tat-temperatura**

1. Il-mezzi tat-trasport, ħżin u magazzinaġġ ta' ikel *quick-frozen* għandhom jiġu armati bi strumenti tal-qari adattati għall-monitoraġġ, f'intervalli frekwenti u regolari, tat-temperatura ta' l-arja li għaliha l-ikel *quick-frozen* ikun suġġett.

2. Mill-1 ta' Jannar 2006, l-istrumenti tal-qari kollha użati għall-iskop tal-monitoraġġ tat-temperatura, kif ġie provdut f'paragrafu 1, se jkunu konformi ma' l-istandards EN 12830, EN 13485 u EN 13486. L-operaturi ta' l-ikel se jżommu d-dokumenti kollha rilevanti li jippermettu l-verifikazzjoni li l-istrumenti li għalihom ġie referut hawn fuq huma konformi ma' l-istandard EN rilevanti.

Madanakollu, l-istrumenti tal-qari li jiġu installati sal-31 ta' Diċembru 2005 skond il-liġi fis-seħħ qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jiġu wżati sal-31 ta' Diċembru 2009 l-aktar tard.

3. Il-qari tat-temperatura għandu jiġi ddatat u maħżun mill-operatur ta' l-ikel għal perijodu ta' għall-inqas sena, jew għal perijodu itwal jekk wieħed jikkunsidra n-natura u t-tul ta' żmien li fih l-ikel *quick-frozen* maħżun jista' jibqa' tajjeb biex jittiekel.

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 34. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 34, tal-11.2.1992, p. 30.

*Artikolu 3***Derogi minn Artikolu 2**

1. Skond id-deroga minn Artikolu 2, it-temperatura ta' l-arja waqt il-ħżin f'vetrini ta' l-imnut, u waqt id-distribuzzjoni lokali, se jiġi mkejjeġl biss b'ta' l-inqas termometru wieħed li jkun faċilment viżibbli.

Fil-każ ta' vetrini ta' l-imnut miftuħa:

- a) il-linja tat-tagħbija massima tal-vevtrina għandha tkun immarkata b'mod ċar;
- b) it-termometru għandu jitpoġġa mal-livell ta' dik il-marka.

2. L-awtorità kompetenti tista' tikkonċedi derogi mill-kundizzjoni mitluba mniżżla f'Artikolu 2 fil-każ ta' faċilitajiet ta' ħżin fil-friża ta' qies ta' inqas minn 10 metri kubi għall-ħżin ta'

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-12 ta' Jannar 2005.

l-istokk fi ħwienet tan-negozju għall-bejgħ bl-imnut, sabiex ikun possibbli li t-temperatura ta' l-arja tiġi mkejjeġla b'termometru li huwa faċilment viżibbli.

*Artikolu 4***Tħassir**

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/1/KEE hi mħassra.

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ u applikabilità**

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Madanakollu, għat-trasport bil-ferrovija, għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membre tal-Kummissjoni*